MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 318/2010

**Ramon Muscat**
**vs**
**Redorange Image Consultants Ltd (C38913)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Settembru 2010 fejn talab lil din il-Qorti tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' disghat elef, seba' mija u disgha u hamsin Ewro (€9,759) dovuta mis-socjeta' konvenuta, rappresentanti sehem ta' *commissions* dovuti lill-istess attur in konnessjoni ma' servizzi ta' reklamar u servizzi relatati, rezi mis-socjeta' konvenuta lill-terzi, introdotti lilha da parti tal-attur, u dana, a bazi ta' ftehim espress ta' bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta dekorribbli mill-15 ta' Jannar 2010, li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Redorange Image Consultants Ltd pprezentata minnha fl-10 ta' Novembru, 2010 fejn eccepixxiet bir-rispett:

*1. "Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma huwa dovut ebda ammont lill-attur kif jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza izda se mai huwa l-attur li huwa debitur tal-eccipjenti kif jigi ppruvat fil-proceduri apositi.*

*Bir-riserva ghalhekk ghal kull azzjoni spettanti lill-eccipjenti inkluz dik ghad-danni resultanti mill-mandat tas-sekwestru vessatorju ta' l-10 ta' Settembru 2010.*

*Salve eccezzjonijiet ohra."*

Rat li fit-22 ta' Frar, 2011 xehed l-attur **Ramon Muscat** fejn qal li inizjalment kien jahdem mas-socjeta' Marketing Advisory Services fejn xoghlu kien fil-*marketing* u konsulenza u li wiehed mid-Diretturi taghha hu Daniel Abela. Is-Sur Abela fetah il-kumpanija Redorange Image Consultants Limited fejn kienet tiffoka biss fuq *advertising*. Il-ftehim bejn Daniel Abela u l-attur kien li l-attur jiehu ghaxra fil-mija (10%) *commission* fuq ix-xoghol li kien igib lis-socjeta'.

Huwa semma lil kugintu Maria Bugeja li kienet Direttrici fis-socjeta' Trasforma fejn qal li hija kienet imdejqa bl-*advertising* li kellha ma' kumpanija li diga kienet qed topera maghha u li talbitu biex isibilha kumpanija ohra. L-attur xtaq li jsibilha l-ahjar *advertising*. Semmielha lid-*designer* Ramon Micallef u hi talbitu d-dettalji tieghu, pero' dan Micallef kien imhabbat hafna ghalhekk l-attur qalilha li ha jsibilha kumpanija ohra tajba. Sadanittant Maria Bugeja sabet kumpanija Whitehouse li dehrilha li kienet tajba, pero' huwa kien wegibha li bejn is-socjeta Whitehouse u Redorange ahjar taghzel lil Redorange peress li jahdem maghhom u li f'kaz ta' dizgwit, hu kien seta' jaqbez ghaliha. Hija qablet mieghu. Ghalhekk huwa tkellem ma' Daniel Abela biex jara jekk kellux hafna xoghol biex f'dak il-kaz jiehu hsieb is-socjeta' Transforma. Abela wiegbu li kellu hafna xoghol imma li kien lest jiehu hsieb lil

Transforma. Qallu wkoll li kien ha jaghtih ghaxra fil-mija (10%) *commission* tax-xoghol li l-klijenta kienet lesta tonfoq.

Kompla jghid li hu kien li laqqgha lil kugintu Maria Bugeja ghan-nom ta’ Transforma ma’ Daniel Abela ghan-nom ta’ Redorange biex jinnegozjaw bejniethom. Hu qal ukoll li s-socjeta’ Transforma bdiet taghmel il-pagamenti taghha u Abela tah il-*commission*. L-attur sostna li l-pagament li effettivament tah kien differenti minn dak li kien suppost dovut lilu. Meta huwa qal lil Abela li kien hemm zball fl-ammont, dan wiegbu li l-ammont kien tajjeb. Meta l-attur sostna ma’ Abela li l-ammont ma kienx l-10% li kienu ftehmu, huwa kien wiegbu li ma setax jaghtih l-10% ghax id-Diretturi l-ohra kienu jaqbzu fuqu.

Ghalhekk huwa ddecieda li ma jistax ikompli jahdem aktar fil-kumpanija u xahar u nofs wara ddecieda li jitlaq. Hu kien ilu jahdem ma’ Marketing Advisory Services mill-elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) u baqa’ maghhom sa Awwissu ta’ l-elfejn u tmienja (2008). Ramon Muscat qal li kienu ftehmu biex jiltaqghu fl-ahhar ta’ Awwissu ta’ l-elfejn u tmienja (2008) biex jissetiljaw xi pagamenti li kellu jircievi, il-*commission* u x-shares li kellu fil-kumpanija. Meta ltaqaw, Daniel Abela qallu li kien ser jaghmillu *post dated cheques* ghall-ammont dovut li kien jikkonsisti fi ftit aktar minn tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) li kien l-ahhar pagament ta’ l-ahhar tax-xahar apparti l-commission dovut lilu dwar is-socjeta’  Trasforma. Dwar dan l-attur ma kellux problemi u cioe’ li jkolu tlett post dated cheques, pero’ talbu biex jghidlu kif kienu ser jibqghu dwar l-ammont dovut lejh bhala senserija fuq is-socjeta’  Trasforma u s-shares li kellu fis-socjeta’ Marketing Advisory Services u dan wiegbu biex jiltaqghu kull tant zmien biex jara xi jkun hemm.

L-attur kompla jiddikjara li f’April ta’ l-elfejn u disgha (2009), kien baghatlu sms biex jiddiskutu il-kwistjoni tal-commissions u baqa’ bla risposta. Huwa baghtlu wkoll emails f’Marzu, u wiegbu li kien imhabbat hafna u wieghdu li jwiegbu il-gimgha ta’ wara. Wara certu zmien li ma kienx wiegbu, Abela baghtlu email (li giet ezebita lil

Qorti bhala dokument Z) fejn kien hemm referenza ghal email ta’ Maria Bugeja u akkuza lill-attur li kien qed jimbotta lil Maria Bugeja ‘l boghod mill-kumpanija. L-attur wiegbu b’email (li giet ezebita lil Qorti bhala dokument Z1) li dan ma kienx minnu. L-attur rega’ qallu biex jiltaqghu halli jiddiskutu l-pendenzi pero’ sostna li Abela beda jevitah u ma wiegbux. Ghalhekk l-attur iddecieda li jmur ikellmu l-ufficcju tieghu izda ma rahx. Abela baghtlu email fejn kien hemm anness maghha konversazzjonijiet li l-attur kien ikollu ma terzi waqt lisuppost kien qed jahdem mas-socjeta  Marketing Advisory Services u akkuzah li kien hela hafna hin fuq chat u e-mail u ma kellux ghalfejn ihallsu l-bilanc  tal-*commission*.

Sussegwentement, l-attur qal li kellem lil Dr. Anthony Cremona li kien habib taz-zewg partijiet u dan offra biex ikun intermedjarju bejniethom pero’ Daniel Abela irrifjuta. L-attur qal li mbaghad rega’ baghat email ohra lil Abela (li giet ezebita lil Qorti bhala dokument Z2) fejn kien hemm imnizzlin il-pendenzi pero’ baqa’ minghajr risposta. Ghalhekk, l-attur kellem lill-Avukat Dr. Carlo Bisazza biex jikteb ittra lil Abela dwar l-intenzjonijiet li jipprosegwu l-Qorti. L-attur xorta baqa’ minghajr risposta u ghalhekk jinsab il-Qorti. Qal ukoll li wara tliet snin li kien jahdem mas-socjeta’  Marketing Advisory Services,  Abela kien tah karta fejn kien hemm *share transfer* favur l-attur ta’ hamsa fil-mija (5%) tax-shares (li giet ezebita lil Qorti bhala dokument Z3). L-attur qal li dak iz-zmien Abela kien jirreferi ghalih bhala partner pero’ meta l-attur kien ikellmu fuq *dividends*, hu dejjem qallu “issa jaraw”.

L-attur qal li meta staqsa lil Abela dwar ix-shares tieghu tal-Marketing Advisory Services Ltd, dan wiegbu li kien se jillikwida l-kumpanija u li jitkellmu dwarhom fi stadju ulterjuri. Effettivament irrizulta lill-attur li x-share transfer lanqas biss gie pprezentat. Mistoqsi jekk hu hax xi proceduri dwar dan, hu wiegeb li le ma hax. L-attur qal li pprezenta ittra ufficjali kontra l-konvenut  taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta  pero’ baqa’ minghajr risposta.

Qal li meta nghata c-cekk bl-ammont inqas minn dak dovut, kien hemm prezenti barra l-ufficcju Gordon Theobold, li kien self-employed fejn staqsih x'kien gara u l-attur qallu x'kien gara. Ikkonferma wkoll li l-ammont ta' disghat elef, seba' mija u disgha u hamsin (9,759) kif imsemmi f'dokument "Z2"  huwa l-ammont dovut lilu mill-*commission* li ppretenda li huwa intitolat ghalih fuq x-xoghol li ghamlet is-socjeta' Trasforma mal-konvenut bejn Settembru 2008 u Gunju 2010.

L-attur qal li ibbaza ir-rikors odjern fuq kalkolu ta' ghaxra fil-mija (10%) dovut lilu min-negozju li sar bejn is-socjeta Trasforma u s-socjeta' Redorange Image Consultants.

L-attur iccara li meta gab bhala klijent lis-socjeta' Interpharma ghas-socjeta' Marketing Advisory Services, is-socjeta' Redorange Image Consultants Limited kienet ghadha ma tezistix. Din kienet klijenta tas-socjeta' Marketing Advisory Services. L-attur sostna li meta giet registrata s-socjeta' Redorange Image Consultants Limited, huwa ttrasferixxa lil dan il-klijent minn Marketing Advisory Services ghal Redorange Image Consultants Limited, ghall-istess tip ta' negozju.

Ramon Muscat qal ukoll li hu kellu kummissjoni ta' hmistax fil-mija (15%) bil-miktub fil- Marketing Advisory Services u ma ra xejn stramb meta tnaqqaslu l-ammont ta' persentagg ghal ghaxra fil-mija (10%) fuq kollox.

Rat li fis-6 ta' April, 2011 rega' xehed in kontro-ezami l-attur **Ramon Muscat** fejn qal li Dottor Cremona hu habib taghhom it-tnejn u kien ipprova jidhol f'din il-kwistjoni biex jevitaw il-Qorti. Dottor Cremona talab lill-attur biex jaghmel it-talba tieghu bil-miktub u dan hekk ghamel u ghaddiha lil Abela permezz ta' email (esebita minnu fil-Qorti bhala dokument "T"). Fiha kien hemm miktub li  jekk Abela jaghtih il-*commissions* dovuti lilu mis-socjeta' Trasforma Clinic, hu kien lest jirrinunzja ghall-*commissions* ohra dovuti lilu mis-socjeta Marketing Advisory Services.

Rat li fis-6 ta' April, 2011 xehdet ukoll **Maria Bugeja** fejn qalet li hija tokkupa l-kariga ta' Direttur tas-Saint James

Hospital Group u ta’ Trasforma Clinic. Hija responsabbli tal-marketing tas-socjeta’ Trasforma. Hija qalet li l-*marketing company* maghrufa bhala Cyberspace kienet tiehu hsieb il-marketing tas-Saint James Group pero’ xtaqet li jkollha kumpanija ohra ta’ marketing ghas-Trasforma Clinic. Dak iz-zmien, hi bdiet tikkunsidra li taqleb mas-socjeta’ Redorange Image Consultants Limited li maghhom kien hemm impjegat il-kugin taghha, Ramon Muscat. Hija kienet talbitu jatiha l-parir tieghu fuq min huma l-ahjar tliet kumpaniji dwar marketing. Qabel dan, hi kienet semmiet mal-attur is-socjeta’ Lightfoot Company, biss ma kienx ta parir biex tahdem ma’ din is-socjeta’ u qalilha lis-socjeta’ konvenuta kienet socjeta’ tajba hafna u semmielha wkoll lil *freelancer* Ramon Micallef. Meta hi ddecidiet li tahdem mas-socjeta’ konvenuta, l-attur qallha li hu impjegat hemmhekk u kien lest jghinnha fejn hemm bzonn.

Ix-xhud esebiet kopja tal-invoices mahruga mis-socjeta’ konvenuta bejn il-perjodu Awwissu elfejn u tmienja (2008) sa Lulju elfejn u ghaxra (2010). Dawn qeghdin go faxxiklu li l-Qorti mmarkat bhala dokument “MB”. Hija qalet li D-direttur tas-socjeta’ konvenuta <u>kienet tafu qabel ma’ introduciha mieghu l-attur </u>(sottolinear ta’ din il-Qorti). Hi kienet attendiet attivita’ taghhom qabel ma bdiet bin-negozju bejniethom. F’din l-okkazjoni, Daniel Abela introduciha ma’ Lara Parker. Ramon Muscat kien qalilha li Redorange Image Consultants Limited kien tajjeb ghall-prodott li spjegat u li d-designer l-iehor Ramon Micallef kien tajjeb ghad-design li kellha bzonn. <u>Hija kkonfermat li Ramon Muscat qatt ma attenda n-negozjati li saru bejnha u bejn is-socjeta’ konvenuta</u> (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Ix-xhud qalet ukoll li fuq l-invoices li esebiet hemm miktub li huma *third party fees* u dawk huma dovuti bhala professional fees taghhom stess. Qalet ukoll li l-*commission* li hadet is-socjeta’ konvenuta mir-reklamar fuq gazzetti u affarijiet simili, hi ma kienet taf b’xejn ghalkemm taf li hadu commission. Hija sostniet li hi klijenta sodisfatta mis-servizzi moghtija lilha mis-socjeta’ konvenuta.

Maria Bugeja giet mistoqsija in kontro ezami jekk il-parir li taha l-attur Ramon Muscat kienx influwenzaha, hi wiegbet li fil-hajja kollox jghin (sottolinear ta' din il-Qorti).

Rat li **Gordon Theobold** xehed nhar il-25 ta' Mejju, 2011 u spjega illi huwa jaf il-partijiet odjerni. Hu kkonferma li Ramon Muscat kien impjegat mas-socjeta' Marketing Advisory Services fil-kariga ta' konsulent u kien jaf ukoll li kellu xi shareholding żgħir.

Ix-xhud qal li fuq d-dokument "Z" hemm il-kalligrafija tieghu kif ukoll il-firma tieghu. Mistoqsi jekk kellux xi arrangament dwar commission minghand is-socjeta' Redorange, wiegeb li iva kellu xi haga zghira. Kien hemm progett żgħir, u kien se jibda relazzjoni li kien se jiehu commission jekk effettivament iressaq xi xoghol. Huwa effettivament kien ressaq xi xoghol żgħir; thallas tal-commission, u jaf li kien ircieva xi ghaxra fil-mija (10 %).

Ix-xhud jiftakar li darba minnhom kienu Sprach Cafè, Pembroke, ghax kien birthday party ta' Ramon Muscat, u kien sar xi prezentazzjoni ta' xi shares lil Daniel Abela għal fuq Ramon Muscat. Ix-xhud sostna li x-xoghol li kien ressaq lil Redorange kien minimu u ghalhekk ma kienx thallas l-ghaxra fil-mija (10%). Hu qal li x'aktarx il-*commission* tieghu kienet xi sitta u ghoxrin Euro (€ 26) u sa fejn jaf jien hu ma kienx thallas. Kien fuq xi promotion jew packaging tan-Nutrivita. Huwa qatt ma kien impjegat ma' xi socjetà ta' Daniel Abela.

Rat li fit-28 ta' Settembru, 2011 xehed **Daniel Abela** ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' Redorange Image Consultants Limited u dan fil-kariga tieghu ta' Managing Director mas-socjeta' konvenuta. Hu qal li apparti din is-socjeta' konvenuta ghandu socjetajiet ohra u fost il-kumpanija li ghandu hemm wahda li kelha relazzjoni mal-attur, din jisimha Marketing Advisory Services. Hu qal li effetivament l-attur kien impjegat maghha bhala Marketing Consultant. Marketing Advisery Services hija kumpanija li tispecjalizza fir-ricerka ta' EU grants u marketing consultancy, waqt li s-socjeta' konvenuta hija fl-aspett visuali, komunikazzjoni u reklamar.

Ix-xhud qal li huwa sar jaf l-attur waqt il-*football* u wara certu zmien kienu saru hbieb u fis-sena 1997 jew 1998 kien gie mpjegat bhala Junior Marketing Consultant mas-socjeta' Marketing Advisery Services. Hu qal illi minhabba l-hbiberija li kellhom is-sur Muscat kien talbu certu kundizzjonijiet partikulari fosthom illi fis-sajf huwa jahdem nofs ta' nhar u huwa kien ikkoncedielu. Ghalkemm kultant dan it-trattament seta' qalalu xi dizgwid ma' mpjegati ohrajn. Pero' nonostante dan, hu zamm mal-obligazzjoni tieghu. Ix-xhud qal ukoll illi li kien hemm zewg mumenti meta is-sur Muscat kien wegga' irkuptejh u effetivament kien sahansitra anke gie operat. Effetivament kellu zmien twil ta' konvalexxenza u sabiex jghin lis-sur Muscat biex ikompli jahdem hallih jopera mid-dar ukoll. Dan peress li l-konvalexxenza kienet wahda twila, u *s-sick leave* kien gie izjed minn dak permess mill-ligi u ghalhekk ikoncedielu biex jahdem mid-dar u ma jitlifx l-impjieg u salarju tieghu.

Ix-xhud tenna li huwa kellu sistema tal-*commissions* kemm fil-kumpanija tas-socjeta' konvenuta kif ukoll fis-socjeta' Marketing Advisory u din kienet offruta lil certu mpjegati mill-kumpanija. Ir-raguni ta' dan kien sabiex johloq incentiv sabiex l-istess impjegati tal-kumpanija igibu xoghol lejn il-kumpanija u b'hekk jibqghu impjegati tal-kumpanija tieghu, ghaliex il-*commission* tibqa' sakemm huma jibqghu impjegati tal-kumpanija u naturalment dan huwa gwadann finanzjarju ghalihom li b'hekk ikabbru l-introjtu taghhom. Ix-xhud spjega illi l-*commission* kienet tinghata mhux biss billi tghaddi l-klijent lill-kumpanija izda naturalment inti trid tkompli ssegwi l-andament ta' dak il-progett li l-klijent ikun gab (sottolinear ta' din il-Qorti). L-incentiv kien wiehed li jkompli jkabbar ir-relazzjoni mal-klijent u b'hekk igib aktar xoghol lill-istess kumpanija.

Dwar il-kwistjoni tal-*commission* hu qal li mhux qed jichad li effettivament kienu jaghtu *commission*, pero' is-sur Muscat fix-xhieda tieghu qal certu affarijiet li huma skoretti. Hu qal illi l-*commission* kien qed jaghtiha u seta' jaffordja li jaghtiha **biss** fuq il-gross profit tieghu. Tenna li hemm differenza bejn ix-xoghol li jsir ghas-socjeta'

konvenuta u dak li jsir ghal Marketing Advisory Services ghaliex fis-socjeta’ Marketing Advisory Services ikun hemm hafna hinijiet ta’ manpower u ghalhekk ix-xoghol jikklasifika bhala *gross profit* waqt li fis-socjeta’ Redorange Image Consultants hemm hafna third party expenses, li jinkludi reklamar fil-gazzetti, televizjoni, radio stations, printers u affarijiet simili u gieli jkun hemm drabi fejn lanqas ikun hemm  l-15% markup profit ghas-socjeta’. Hu spjega li l-*commission* tas-socjeta ’ Redorange Image Consultants li tinghata lill-haddiema kienet tinhadem fuq rata ta’ 15% fuq il-gross profit u mhux kif qal l-attur ta’ 10%. Effetivament kien hemm xi diskors li seta’ kien li l-attur li kien intitulat ghal 10% fuq il-gross profit pero’ effetivament huma dejjem ghamlu l-kalkoli taghhom  fuq 15%.

Huwa esebixxa zewg dokumenti DA7 u DA8. Spjega li Dokument DA7 huwa dokument tat- Trasforma Clinic li fih hemm imnizzla invoices kollha fuq schedule ta’ xoghol. Il-*highlighted amount* huwa l-ammont kollu li s-Sur Muscat kien intitolat ghalih. Effettivament it-Trasforma Clinic ma kienx introduciha s-sur Muscat izda ikkonceda dan semplici ghal fatt sabiex jaghlaq ir-relazzjoni mas-Sur Muscat darba ghal dejjem. Huwa kien jaf kemm lil Maria Bugeja kif ukoll lil huha Jean Claude Muscat ghal zmien twil u diskussjonijiet vis a vis it-Trasforma Clinic kif ukoll St James Hospital sabiex jibda jaghmilhom xi xoghol f’isem Redorange kienu ilhom ghadejjin. Fil-fatt, Ms Bugeja wkoll ikkonfermat dan fid-depozizzjoni taghha minkejja li l-attur huwa kugin taghhom u qallu li jekk ikollu l-opportunita biex jghaddi kelma tajba kien ser jaghmel hekk.

Id-dokument DA8 hija *commission* li verament kienet dovuta u thalset lill-attur fuq assignment ta’ Portomaso Casino. Ghal darba ohra hemm iz-zewg invoices. *Highlighte*d hemm l-ammont ta’ gross profit u l-ammont li jidher fuq il-lemin fuq il-parti ta’ fuq, jaqbel mal-15% tal-commission dovuta tal-hlas fuq il-gross profit. Huwa esebixxa numru ta’ dokumenti ohrajn fosthom DA1, konversazjoni bejn is-Sur Muscat u t-tfajla tieghu u jghid li Toto li huwa imsemmi fl-email in kwestjoni fid-dokument DA1 huwa l-bniedem responsabbli fl-accounts, l-

advertising accounts tat-Trasforma Clinic qabilhom naturalment ma’ kumpanija kompetitrici. Dokument DA2 huwa exchange ta’ emails bejn is-Sur Muscat u Maria Bugeja. L-email li fejn s-sur Muscat kien qed jirreferi ghal Ramon Micallef li huwa kompetitur iehor taghhom, jinsinwa li huwa ma kellux Redorange ghal qalbu meta jghid illi Ramon Micallef kien l-ahjar designer hawn Malta (sottolinear ta’ din il-Qorti). Irrefera ghal Ramon Micallef u qal illi jekk wiehed ihares lejn il-frame ta’ isfel Maria Bugeja qed taghmel ir-reminder fuq Ramon Micallef u ghalhekk dan ifisser li d-diskursata kienet diga’ ghadejja bejniethom. Dan waqt li huwa kien qed jaghmel in-negozjati ma’ Maria Bugeja u Jean Claude Muscat. Dan fl-istess hin meta l-attur qal li kien ser jiprova jghaddilu kelma tajba maghhom.

Esebixxa wkoll dokument iehor DA3 li huwa email li baghat is-sur Muscat lill-kompetitur iehor taghhom fejn staqsih ghal stima ta’ xoghol li hija in kompetizzjoni maghhom u qal li dawn il-komunikati kienu ghaddejin minnu waqt li hu kien qed jahdem waqt il-hin tax-xoghol taghhom. Qal li fil-bidu tas-sena 2007 is-sur Muscat kien avvicinah u qallu li habib komuni taghhom kien offrielu sabiex jahdem xoghol ta’ part time ghalih u dana mal-*air traffic control* u dan xtaq li jibda’ jahdem nofs ta’ nhari kuljum is-sena kollha. Ix-xhud sostna li effetivament pero’ dan ix-xoghol qatt ma’ materjalizza. Attwalment kien qallu li kien lest li jacetta li huwa jaghmel dan ix-xoghol part time sakemm ma jkunx in direct competition mas-socjeta’ Marketing Advisory Services. Dan dejjem ghamilha cara ma’ kull impjegat li kellu, li ma jacettax li jsir xoghol apparti, li jkun *in direct competition* max-xoghol principali tal-kumpanija.

Esebixxa wkoll dokument DA4, li hija korrespondenza bejn l-attur u azjenda ohra fejn qed jitlob permess sabiex jaghmel ricerka li ma kienetx qed issir ghal finijiet tal-Marketing Advisory Services u din kienet ricerka dwar consumer reseach li tinteressa l-kumpanija taghhom. Id-Dokument DA5 hija korrispondenza bejn Ramon Muscat u terza persuna fejn is-sur Muscat flimkien ma’ din il-persuna kien qed jaghmel applikazzjoni ghal EU grants

ghal finijiet ta' Marketing Advisory Services li hija wahda min-negozji taghhom. Esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala dokument DA6 fejn is-Sur Muscat tkellem ma' terzi persuna fejn staqsihom jekk kienux interessati biex jaghmlu assignment mieghu u ghalhekk dan id-dokumenti huwa prova cara, illi sfortunatament l-attur ma kienx qed juri interess fl-andament tal-kumpanija tieghu. Anzi kien qed jaghmel xoghol privatament *in direct competition.*

Apparti dawn id-dokumenti qal li rrizultalu minn dokumenti ohra li l-attur kien qed jaghmel xoghol ghalih personali waqt il-hin tax-xoghol taghhom. Ikkonferma li fid-dokumenti DA7 u DA8 hemm il-firma tieghu kif ukoll dik ta' Muscat bhala settlement ta' dawk il-kwistjonijiet.

Ix-xhud qal ukoll li rrizultalu dak iz-zmien li sur Muscat ma kienx qed jahdem fl-ahjar interess tal-kumpanija u ghalhekk idecieda li jkellem lis-sur Muscat "*and we part our ways"*. Biex qatgha r-relazzjoni ta' bejniethom kien ghalaq il-*commission* dovuta fuq Portomaso u biex ghalaq il-kapitlu shih hallas somma flus fuq Trasforma Clinic, ghalkemm hass li ma kienx obbligat ihallsu sabiex jaqta' darba ghal dejjem. Is-sur Muscat iffirma l-karti u telaq l-hemm.
Qal ukoll li wara dan l-avveniment is-sur Muscat kien ghamel rikjesta ghal aktar commission, ghall-ewwel tawwal din il-kwestjoni pero' mbaghad baghatlu email u qallu illi taht dawn ic-cirukustanzi ma kien dovut xejn aktar. Esebixxa statement mahruga mill-kumpanija Redorange Image Consultants fejn turi li l-ammont tax-xoghol li kien sar mis-socjeta' Redorange u mhux mill-Marketing Advisery Services u dan id-dokument gie mmarkat bhala dokument DA10. Dan ukoll huwa kkonfermat bid-dokument Z li gie esebit mis-sur Muscat stess. L-ammont mitlub minnu lanqas ma' hu dovut, jekk isir il-kalkolu kif diga' spjega ta' 15%. Ghamel referenza ghax-xhieda tas-Sur Theobold li huwa habib komuni taghhom fejn is-sur Theobold kien qal li ressaq klijent maghruf bhala Nutravita u l-commissionn kienet ta' xi €26, u ma hallsux u hu ma ikklamja xejn. Hu sostna li dan mhux minnu li fit-30 ta' Awissu tas-sena 2008 is-sur

Theobalt hariglu invoice ghan-Nutrivita Foods u huwa halsu kif jirizulta mid-dokumentazzjoni li esebixxa u li giet immarkata bhala dokument DA11 u 12. Dawn kollha qeghdin involuti fid-dokumenti DA11. Esebixxa wkoll dokument li jindika li ic-cekk in kwisjtoni gie ikkaxxjat ukoll u ghalhekk esebixxa kopja tal-banking tar-Redorange kif ukoll il-kalkoli ta' kif effetivament thallset il-commission, cioe il-15% fuq il-gross, fejn inhadmet bl-10 fil-mija fil-gross profit.

Rat li **Daniel Abela** xehed in kontro ezami nhar il-15 ta' Novembru 2011 fejn kkonferma li ghalih l-attur kien impjegat bhala Junior Consultant ghaliex kien ghadu kemm iggradwa mill-Universita, pero' fil-fatt kien impjegat bhala konsulent maghhom. Cahad dak li gie suggerit lilu li effettivament l-attur kien talab zieda fil-paga u huwa qallu li ma setax jaffordja paga aktar u ghalhekk kien qallu sabiex jahdem sieghat anqas bl-istess paga. Qal li Ramon Muscat kien talbu b'mod specifiku biex huwa jahdem *reduced hours* fil-hinijiet tas-sajf, ghar-ragunijiet tieghu. Jista' jkun li kien hemm xi barranin li gabulhom xi assignment specifiku u jkun ftiehem maghhom u jaghtihom hin partikulari kif effettivament gara ma' Gordon Theobold. Ikkonferma li t-Transforma Clinic ghadha tuza is-servizzi tar-Redorange sa llum u kkonferma li l-attur ma kellu l-ebda dritt fuq it-transazzjoni ta' Trasforma Clinic u kkonferma wkoll li ghalkemm is-Sur Muscat kien indika li l-commission li nghatatlu kienet ta' 10%, il-karti li huwa pprezenta fis-seduta precedenti juru li l-percentage li ha kienet ta' 15% fuq il-gross profit. Qal ukoll li taghhielu mhux ghax kien jemmen li haqqu imma biex jaqta' din il-kwestjoni fir-rigward tat-Trasforma darba ghal dejjem, cioe' rigwardanti r-relazzjoni tas-Sur Muscat.

Ix-xhud ma qabilx mal-claim pero' taghhielu biex jaqta' r-relazzjoni darba ghal dejjem u dan biex ma jmurx lura fuq il-kelma li kien ta' in-generali fuq il-kwestjoni tal-*commission,* mhux rigward u dik partikulari tat-Trasforma. Ikkonferma li kellhom xi kwistjonijiet ghaddejjin ma' Maria Bugeja kif sahansitra stqarret Maria Bugeja stess fix-xhieda taghha. Maria Bugeja dahlet bhala klijenta taghhom, b'hiltu u bil-kapacitajiet tar-Redorange.

Huwa tah il-pagament ghaliex ried isalva wkoll ir-relazzjoni ta' hbiberija li kien ghad fadal bejniethom. Mhux

cert jekk fis-sena 2007 meta Ramon Muscat kellu relazzjonijiet ma' terzi persuni kienx diga' qed jahdem part time maghhom. Pero' xtaq jghid li meta kien qed jahdem part time maghhom seta' mar jaghmel ix-xoghol mas-Civil Aviation pero', pero zgur li ma setax jahdem xoghol ta' konkorrenza mar-Redorange, specjalment waqt il kien ghadu part time mieghu. Qal li t-terzi persuna imsemmija fid-dokument DA5 huwa Jonathon Shaw, u hemm referenza ghal grants li huma grants tal-EU u qal li s-sur Muscat meta kien ingaggat mieghu, kien ha esperjenza kbira rigward dawn it-tip ta' applikazjonijiet. Ix-xhud kien jaf li kienu qed jitkellmu fuq *tourism grants* u huma bhala kumpanija kienu ikopru l-grants kollha tal-EU. Ikkonferma li waqt li Ramon kien qed jahdem maghhom, huma kienu jahdmu fl-ambitu tal-EU grants, rigward tourism. Ikkonferma li huma kienu qieghdin jinnegozjaw fosthom anke il-Meridien.

**Daniel Abela** rega' xehed in kontro-ezami nhar il-11 ta' Jannar 2012 u esebixxa numru ta' dokumenti li jammontaw ghal evidenza cara li fil-fehma tieghu s-socjeta' Marketing Advisory Services kienet issegwi b'mod attiv il-*grants* tal-EU inkluz dawk tat-turizmu. Id-dokument DA5A huwa dokument maghmul minn Ramon Muscat ghalih fil-11 ta' Gunju 2008, waqt li huwa kien ghadu mpjegat mieghu specifikment relatat mat-turizmu. Dan huwa dokument relatat ma' *Promoting Sustainable Tourism.* Dokument DA5B insegwitu hija *email* mibghuta minn Ramon Muscat lilu fis-16 ta' Gunju 2008 wkoll dwar *Malta Tourism Authority Grants Scheme*. Dokumenti DA5C u DA5D huma screen downs mill-computer li kellu s-Sur Muscat fuq ix-xoghol tieghu. Taht id-direttorju Marketing Advisory Services, hemm zewg sub folders wiehed minnhom jismu MTA u fih hemm EU Fund schemes li fih numru ta' dokumenti relatati ghat-turismu waqt li d-dokument DA5D taht il-folder EU Funding hemm folder jismu *Sustainable Tourism Funds*. Hemm ukoll zewg dokumenti ancilljari ghalih. Dokument DA5E hija korrispondenza bejn Charles Micallef tar-Riviera Hotel datata 13 ta' Novembru 2007 fejn talbu bhala direttur tal-Marketing Advisory Services, x'ghajnuna setghu jaghtuh biex igibulu fondi tal-EU fit-turizmu. Dokument DA5F huwa dokument maghmul minn Gordon Theobold li gie mighbut

lilu, datat 20 ta’ Marzu 2007, li jkopri kull *Grant Programm* li kien johrog il-Gvern Malti dwar il-fondi tal-EU. Dokument DA5G ‘l quddiem sa Dok DA5R huma korrispondenza bejn il-kumpanija Marketing Advisory Services u l-Awtoritajiet jew klijenti potenzjali li setghu jaghmlu uzu mill-Grants tal-EU fir-rigward tat-turizmu, taht it-Tourism Authority.

Spjega li sakemm Ramon Muscat kien jahdem maghhom dawn il-Grants ghal EU kienu ghadhom ma hargux u ghalhekk kien qed jaghmel xoghol preparattiv ghalihom. Rigwardanti l-kwistjoni tal-MIA huwa kien ikkompila tlett dokumenti ohrajn li juru li Ramon Muscat personalment kien qed jitkellem ma’ Simon Sultana mill-Malta Airport u hemm persuna ohra li is-sur Muscat kien qed jiprova jghinu biex igib din ir-ricerka, u dan ismu huwa moghti fid-dokument li esebixxa, liema dokument gie mmarkat bhala dokument DA4A. Hemm korrespondenza kronologika li tindika li kellha ssir ir-ricerka, bl-isem The Research from Airport. Esebixxa dokumenti ohra li gew immarkati bhala dokumenti DA4B u x-xhud anticipa u qal li jahseb li dak hu d-dokument ta’ ricerka li kellu jsir. Dan sar minn certu Sarah li tahdem il-Porto Azzurro. Dan huwa xoghol li bhalu Marketing Advisory Services qatt ma ghamlu u lanqas kien jaf li xi hadd minn Porto Azzurro kien qed jitlobhom dan it-tip ta’ xoghol. Dan id-dokument huwa ddownloadjah mill-computer li kien qed juza Ramon Muscat. Mistoqsi jekk il-persuna Sarah kienetx ex-impjegata tieghu qal li ma jafx jekk hix l-istess persuna pero’ jghid li f’xi zmien verament kellu tfajla jisimha Sarah tahdem mieghu. Pero’ ma setghax jiftakar kunjom Sarah li kienet tahdem mieghu u ghalhekk kellu jivverifika. Stqarr li ma ghaditlux minn mohhu li seghtet kienet l-istess persuna. Dan ma kienx xoghol tal-ufficcju ghalkemm kien qed isir waqt il-hin tal-ufficcju.

Esebixxa wkoll dokumenti DA4C li hija korrispondenza bejn is-Sur Muscat u certu Hannah Anderson fejn kien qed jaghmel research fuq women’s skin care products, li wkoll ma kienx qed isir la minn Marketing Advisory Services u lanqas minn xi kumpanija ohra tieghu. Mistoqsi jekk kienx konxju mill-fatt li kienu jezistu pre *Access Funds mil-EU*, wiegeb li fit-turizmu ma’ jidhirlux li qatt ghamel uzu minn dawn il-pre accession funds, pero’ kien

ghamilha cara, kif jirrizulta fid-dokument li esebixxa li dik kienet id-direzzjoni lejn fejn kienu sejrin u dan is-Sur Muscat kien jafu. Il-kumpanija Marketing Advisory Services hija mitfugha fuq market research u fuq EU Funding. Ix-xoghol isir taht il-kumpanija Marketing Advisory Services.

Mistoqsi kif ikkonkluda li l-pagament li huwa ghamel lil Ramon Muscat fl-ahhar tal-impieg tieghu kien in *final settlement* qal li jekk bniedem jara id-dokument DA7 jinduna li ammont sostanzjli tax-xoghol li sar mit-Trasforma Clinic , kienu ghadhom lanqas thallsu ghalih bhala Redorange. Pero' dan nonostante, tant kienet cara li r-relazzjoni taghhom ma' l-attur Muscat kienet ser tispicca, li huwa halsu wkoll il-*commission* ta' dik il-porzjon ta' xoghol li kien ghadu ma thalastx taghha minghand Transforma. Dak inhar lis-Sur Muscat kien qallu li kien ghalaq ir-relazzjoni tieghu mieghu f'din il-kwistjoni u dik ta' Portomaso.

Mistoqsi meta sab dawn id-dokumenti u emails li esebixxa tenna li sabhom waqt li s-Sur Muscat kien ghadu fl-impjieg mieghu. Iddikjara li l-computer zamm folder shih ta' *chats* - sieghat twal u granet shah Ramon Muscat kien jaghmel ma' terzi persuni waqt il kien impjegat maghom. Qabel wkoll li meta Ramon Muscat spicca mill-impjieg tieghu dam diversi xhur jigri warajh sabiex jithallas. Fil-fatt kien baghtlu email u kien qallu li b'dak li kien sab u cioe' fil-folder li halla warajh fil-computer tieghu huwa kien ser ihalsu aktar minn dak dovut lilu. Fil-fatt tenna li l-attur lanqas dawk il-pagamenti li ghamel fl-ahhar ma' kien intitolat ghalihom.

Ikkonferma li d-decizjoni li sur Muscat jittermina l-impieg tieghu kienet wahda *mutual* bejniethom. Is-sitwazzjoni kienet evidenti li huwa ma kienx kuntent li jahdem mieghu u huwa ma kienx kuntent kif kien qed jagixxi l-attur f'din il-kumpanija u ghalhekk, kien fl-interess tat-tnejn li '*we part ways'*. Minhabba snin twal ta' hbiberija li kellhom bejniethom lanqas kien isemmi dawn l-affarijiet u lanqas xtaq li jasal s'hawn, pero' kien jaf biha. Elabora u qal li fil-fatt minn ezami ta' dokumenti li esebixxa, jirizulta li numru ta' dawn d-dokumenti li gew mibghuta minn fuq is-sistema ta' Muscat ghal fuq is-sistema tieghu gew mibghuta waqt li sur Muscat kien ghadu mpjegat

maghhom. Id-diskussjoni bejniethom li l-affarijiet ma kienux sejrin sew bejniethom saret f' diversi okkazjonijiet pero' l-ahhar diskursata li saret f'dan ir-rigward saret jew f'Gunju jew Lulju tas-sena 2008, meta ittermina l-impjieg.
Muri d-dokument esebit fl-atti mmarkat bhala CB u mistoqsi jekk kienx jaf li effettivament Ramon Muscat kien diga' qed jinnegozja fuq dan il-pakkett waqt li huwa kien ghadu impjegat tieghu iwiegeb li din l-email huwa qatt ma' raha qabel l-istorja ta' llum. Diskors li kellu mieghu Ramon Muscat kien li huwa ser jaqgha part time peress li huwa kellu *job* lest mal-Malta Air Traffic Control. Huwa ma ghandux recollection li s-Sur Muscat kien ser imur jahdem mal Air Traffic Control pero' anke kieku kien jaf ma setghax izommu, seta imur jahdem ma' min ried. Li kien car huwa li waqt li kien impjegat mieghu ma' setghax jaghmel xoghol li kien kompetitiv max-xoghol tieghu u wisq inqas li jaghmlu fil-hin tax-xoghol meta qed ihallsu hu.
Tenna li meta l-attur talbu l-flus kif imsemmi fl-istess rikors promotur huwa qallu li ma kienx ser ihallsu u dan minhabba l-agir tieghu, fis-sens li ma rsistiex biex igib il-klijent, ma rsistiex biex izomm il-klijent u ghalhekk ma setghax jifhem il-claim tieghu. L-agir l-iehor hareg fil-berah wara li fetah il-kaz odjern. Pero' huwa qatt ma' kiteb xi dokument fejn qal li l-commission ma kienx dovut lill-attur.
**Daniel Abela** xehed in re-ezami nhar il-15 ta' Frar 2012 b'referenza ghad-dokument DA7, kkonferma li dan id-dokument jirraprezenta x-xoghol kollu li sar ghat-Transforma u kif giet mahduma l-*commission* li ta lill-attur liema *commission*, jirrepeti ghal darba ohra li qatt ma kienet dovuta. Effettivament uhud mill-*commisions* kienu mahduma fuq xogholijiet li kienu diga' thalsu minghand il-klijent u parti ohra kienu ghadhom ma thallsux pero' biex jaqta' darba ghal dejjem, kienu hallsuh *in advance* biex jaqtghu din il-kwistjoni. Qal li effettivament is-sur Muscat qal fix-xhieda tieghu li l-*commission* giet mahduma fuq 10% pero' *commission* effettivament inhadmet fuq 15% fuq il-gross profit. Effettivament hemm l-inizjali tas-sur Muscat li accetta il-pagament. Spjega li wara li telaq minn maghhom xi xhur jew gimghat wara, is-sur Muscat ipprova javvicinah sabiex jaghmel appuntament mieghu, pero' mir-ricerka li ghamel fil-computer tas-sur Muscat sab affarijiet

li ma daqqulux u dak il-hin tant kien irrabbja li lanqas inkontru ma' ried li jkollu mas-sur Muscat. Dan nonostante baqa' jitrattjeni, izda gurnata fost l-ohrajn qabad xi ftit materjal li kien sab u qallu li jahseb li fil-fehma tieghu din kienet prova bizzejjed u cara, li r-rikjesti li kien qed jaghmel hu mhux talli ma kienux dovuti izda effettivament is-sur Muscat kien qed jaghmel xoghol kontra l-interessi tal-kumpanija tieghu u fil-fehma tieghu kien hallas lill-attur aktar minn dak li kien dovut. Peress li kien hemm originarjament barrier bejniethom , xtaq li jittransigi din il-kwistjoni fuq nota tajba.

**Lara Parker** xehdet fit-28 ta' Marzu 2012 fejn iddikjarat li hija business partner ta' Daniel Abela u wahda mid-diretturi tas-socjeta' konvenuta, u ghandha wkoll is-shareholding f'din l-istess kumpanija. Fl-istess ufficcju maghhom hemm ukoll il-kumpanija Marketing Advisory Services li topera mill-istess post, pero' x-xhud ma' ghandha xejn x'taqsam ma' din l-ahhar kumpanija.

Ix-xhud ikkonfermat li Ramon Muscat kien impjegat mas-socjeta ' Marketing Advisory Services. Hija ma kellha xejn kontra Ramon Muscat, taf li kien habib tal-business partner taghha, Daniel Abela, pero' kienet tarah li ma kien xejn habrieki ghax-xoghol meta mqabbel ma' certu mpjegati ohrajn. Il-hinijiet tax-xoghol tieghu pero' hija ma tafhomx. Pero' taf li kien jiehu hafna sick leave, u dan tafu ghaliex kien igerger maghha Daniel dwar dan. Meta hija dahlet f'din il-kumpanija Ramon Muscat kien diga' mpjegat.

Hija ma kienet taf xejn dwar *commission*s li kien intitolat ghalihom Ramon Muscat, izda saret taf bihom meta nfethet din il-kawza. Naturalment dan qaltlu b'referenza ghar-relazzjoni tieghu mas-socjeta' konvenuta. Hija spjegat li l-attur qed jippretendi xi commissions minghand is-socjeta' konvenuta rigward il-klijent Transforma Clinic. Jekk ma kinitx sejra zball, ix-xhud spjegat li l-attur huwa l-kugin tal-klijenta Maria Bugeja, li fil-fatt ghandha t-Transforma Clinic. Hija spjegat li kienet iltaqghet ma' Maria Bugeja tramite Daniel. Hija taf li Daniel jaf lil kuginuwha, fil-fatt anke kienu ghamlu xi xoghol flimkien, u taf li kien jafu qabel.

Ix-xhud ziedet tghid li fil-fatt l-attur ma' kellu xejn x'jaqsam man-negozjati li kellha s-socjeta' konvenuta ma'

Transforma, la qatt irranga xi meeting, lanqas kien prezenti ghal xi meeting u lanqas qatt ma' kontribwixxa ghal xi meeting (sottolinear ta' din il-Qorti). L-attur qed jitlob xi 10% jew 15% commission u dan gross mix-xogholijiet li ghamlu ghat-Transforma Clinic. Bi gross hija tifhem, li huwa qed jitlob dik il-percentagg fuq l-ammont li huma jibbilljaw. Il-billing li huma jibghatu jikkonsisti kemm il-fees taghhom kif ukoll l-ispejjez u mhux profitti biss. Per ezempju jekk huma jkollhom xi event, huma jibbilljaw il-klijent ghal dan l-event u dak li jkun ma jkunx jista' naturalment jitlob commission fuqha. Meta huma jaghmlu advertising f'xi gazzetti per ezempju ghal xi kumpanija huma jkunu ntitolati ghal 10% commission jew 15% jiddependi fuq il-kuntratt li jkunu ghamlu, u ghalhekk jekk Ramon ikun qed jipretendi commission fuq dan, ifisser li huma ma jkunu ser idahhlu xejn, anzi jaghmlu telf.
Sa fejn kienet taf hi qatt ma tkeccew nies minn maghhom, minn Daniel Abela, lanqas kwestjonijiet jew disgwid ma kien hemm rigwardanti affarijiet ta' commission. Hija stqarret li Daniel dejjem relazzjonijiet tajba zamm, anke maghha stess ir-relazzjoni tieghu hija wahda tajba. Ix-xhud ilha tahdem fuq l-accounts tat-Transforma Clinic sa' mil-bidu nett u l-attur ma deher imkien.
Mistoqsija ghaliex effettivament Daniel kien ta xi flejjes lill-attur meta l-attur temm l-impjieg tieghu, qalet li effettivament dan huwa minnu, pero' kien sar bhala extra payment, biex itemm ir-relazzjoni tajjeb peress li kienu hbieb. Ix-xhud ma qablitx ma' din id-decizjoni, pero' peress li kienu hbieb hasset li ma kellhiex tindahal u naturalment din affetwat is-socjeta' konvenuta.
Hija spjegat illi ma' ghandha l-ebda relazzjoni ma' Daniel Abela, hi mara mizzewwga, u anke Daniel Abela huwa mizzewweg. Ix-xhud kienet mill-ewwel Direttur tal-kumpanija, u bdiet sitt snin ilu. Mhux minnu li hija dahlet bhala creative designer izda dahlet bhala Creative Director mill-bidu nett. Hija taf li kien hemm relazzjonijiet ma' individwi ohrajn fejn tawhom il-commission u dejjem hadmu sew.
Ikkunsidrat:
Illi t-tip ta' prova li jrid iressaq l-attur huma skond il-gurisprudenza kostanti li:

a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) (Vol. XLVI.i.5).
b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' (Vol. XXXVII.i.577).
c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut *jiddeciedi iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet.
Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;
d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kap. 12 li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku.
Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:
Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "*actore non probante reus absolvitur*".

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.

Illi kif gie dikjarat fis-sentenza "**George Bugeja vs Joseph Meilak**" moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003:

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma.dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza talprobabbiltajiet.*

*Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Issa fil-kaz in esami jirrizulta li kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-attur kien intitolat ghall-commission fuq xoghol li huwa jressaq lis-socjeta' konvenuta. Tant hu hekk kif jirrizulta mill-atti li l-attur kien diga' nghata xi hlasijiet dwar xi commissions li huwa kien intitolat ghalihom skond l-atti processwali ghalkemm Daniel Abela jghid ukoll li fl-ahhar huwa hallas somma flus lill-attur rapprezentanti allegat commission u dan ghaliex ried jaqta' kull relazzjoni kontrattwali minn mieghu u dan ghaliex fil-fehma tieghu, l-attur ma kienx qed jahdem fl-interess tas-socjeta' konvenuta u adirittura kien qed jaghmel xoghol li kien f'kompetizzjoni mas-socjeta' konvenuta. Daniel Abela fil-fatt esebixxa diversi dokumenti sabiex jissodisfa l-Qorti li verament l-attur ma kienx impjegat idoneju fuq xoghlu, tant li waqt il-hin tax-xoghol kien jaghmel diversi chats, jibghat e-mails li mhux relatati max-xoghol tas-socjeta' konvenuta u sahansitra anke jaghmel xoghol ghal terzi persuni li kienu qed jahdmu *in competition* mas-socjeta' konvenuta bi zlejalta' assoluta.

Naturalment il-Qorti trid tara li l-attur ipprova il-kaz tieghu u cioe’ li s-socjeta’ konvenuta ghandha taghti lill-atur dik is-somma flus kif mitluba minnu fir-rikors promotur rapprezentanti *commissions* dovuti lilu skond xoghol li huwa ghadda lis-socjeta’ konvenuta. Hu appuntu ghalhekk li l-Qorti trid tifli dak li qal l-attur fir-rigward tal-klijent Transforma Clinic fid-dawl ta’ dak li qalet id-Direttur ta’ l-istess Clinic u cioe’ Maria Bugeja.

Jirrizulta li skond l-attur kien hu li introduca lil kugintu Maria Bugeja lis-socjeta’ konvenuta u li hajjarha tibda taghmel negozju mas-socjeta’ konvenuta. Minn naha l-ohra pero’ Maria Bugeja tghid li hija kienet taf lil Daniel Abela sa minn qabel ma saret l-introduzzjoni u li fil-fatt kienet gja iltaqghet mad-dirigenti tas-socjeta’ konvenuta u kienet biss tkelmet ma’ l-attur bhala kugin sabiex tiehu opinjoni minghandu dwar min jahseb li kien l-ahjar sabiex hija tibda tinnegozja mieghu. Fil-fatt tghid, u dan hu anke konfermat sa certu punt mill-attur stess, li l-attur kien qalilha li l-ahjar designer kien certu Ramon Micallef pero’ kien imhabbat hafna. Meta hija staqsietu dwar is-socjeta’ konventua huwa qallha li din is-socjeta’ hija wkoll imhabta hafna ghalkemm tkellem ma’ Daniel Abela u sahansitra iltaqghu sabiex jiddiskutu. Haga ta’ l-iskanament pero’ l-attur ma kienx prezenti ghall-ebda meeting li nzamm bejn is-socjeta’ konvenuta u Maria Bugeja ghan-nom ta’ Trasforma Clinic ex-admissis tghid li “*Ramon Muscat qatt ma attenda n-negozjati li saru bejnha u bejn is-socjeta’ konvenuta (sottolinear ta’ din il-Qorti)” .* Ikkonfemat li hlasijiet saru lis-socjeta’ konvenuta pero’ dwar kwisjtonijiet ta’ commission jekk thalsux jew le ma taf xejn u lanqas jekk kienux dovuti jew le.

Illi f’din il-kawza l-attur qed jitlob allegat *commissions* dovuti lilu in konnessjoni ma’ servizzi ta’ reklamar u servizzi relatati, rezi mis-socjeta’ konvenuta lill-terzi, introdotti lilha da parti tieghu, u dana, a bazi ta’ ftehim espress ta’ bejn il-partijiet. Illi bla tlaqliq jinghad li ftehim verbali bejn il-partijiet dwar commission kien hemm ghalkemm wiehed verbali. Pero x’tip ta’ ftehim kien hemm mill-partijiet ma jaqblux u dan ghaliex filwaqt li l-attur jghid li huwa kien intitolat ghal 15% commission fuq il-billing u li

kien ghalhekk li talabis-somma fuq imsemija, is-socjeta' konvenuta tghid li kienet thalsu commission ta' 10% fuq in-net profit taghha.

Il-Qorti ghalhekk thoss li ghandha tghid kelmtejn fuq il-kwistjoni ta' *commission* u meta hija dovuta. Illi in tema legali jinghad li l-gurisprudenza taghna fuq il-materja in kwistjoni hija wahda kostanti fis-sens illi l-iskop principali ta' kwalunkwe persuna sabiex takkwista id-dritt tal-medjazzjoni huwa dak li tlaqqa' l-kunsensi tal-partijiet li jkunu interessati fl-operazzjoni wara li jiehu sehem relativament attiv u intelligenti fil-progettata u proposta konverzjoni. Fi ftit kliem, is-sensal, ghall-akkwist tas-senserija jrid jara li permezz tieghu jsehhu u jlaqqa' l-partijiet interessati fuq dawk l-elementi tal-operazzjoni klassikament imsejha "*is-sostanzjali u l-accientali tal-kuntratt*." It-temperament tal-kumpens imbaghad biex isehh fejn ma ssehhx il-vera u proprja senserija, introdott mill-gurisprudenza lokali, irid jippresupponi in karigu espres jew tacitu, u xi xoghol u mhux li bniedem sempliciment jaghti informazzjoni bla ma jaghmel xejn aktar cioe' bla ma jadopera ruhu bl-ebda mod iehor (ara Volumi XXXVI.II.394: XLII.II.II35; XLIX.LL.993 u s-sentenzi fihom citati)

Skond is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet '**<u>Anthony Degiorgio vs Stephen Degiorgio</u>'**:

"*Huwa ferm logiku illi l-intitolar ghall-kummissjoi ma tiskattax awtomatikament ghax sempliciment jigi demostrat illi l-ftehim negozjali gie finalizzat. Kif tghallem il-gurisprudenza biex medjatur ikollu drit ghal senserija jew il-kummissjoni appatttwita hu jehtieglu juri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi kien hu li wassal il-partijiet ghall-ftehim definittiv fuq il-kundizzjonijiet kollha, sostanzjali u accidentali ta' l-operazjoni .(* Ara Kollezz Vol. XXXVI p II p 394, Vol. XXXVII p I p 89 u Vol. XLII p II p 1135 fost bosta ohrajn)."

Din hi l-istess posizzjoni deskritta fis-sentenza moghtija minn l-istess Qorti fl-ismijiet '**<u>Anthony Camilleri vs</u>**

**Nicholas Martin Pen Jensen Testaferrata',** deciza nhar it-28 ta April 2004 fejn gie ritenut li:

"*Il-fatt li bniedem jaghti semplicement informazzjoni bla ma jaghmel xejn aktar, cioe bla ma jadopera ruhu bl-ebda mod biex ilaqqa' l-kunsens tal-partijiet, ma jaghtix dritt la ghal senserija u lanqas ghal kumpens. Biex ikun hemm lok ghal tali kumpens hemm bzonn li jkun hemm inkarigu espress jew tacitu.*

*Sensal jista' jkollu dritt ghall-kumpens allavolja ma jkunx wassal il-partijiet ghall-ftehim jekk dawn jabbandunaw dolozament lis-sensal biex jiddefradawh mid-drittijiet tieghu*."

Issir refernza ukoll ghas-sentenza moghtija nhar it-12 ta' Dicembru 2001 mill-Prim'Awla tal-Qrti Civili fl-ismijiet '**Arthur Ebejer Nomine vs John Farrugia'** fejn gie rilevat is-segwenti:

"*Huwa generalment ritenut li sakemm ma jkunx hemm il-konkluzjoni tat-transazzjoni, liema konkluzjoni saret permezz tax-xoghol li ghamel is-sensar allura ma jistax wiehed jitkellem dwar senserija.*

*Sabiex tigi perfezzjonata l-medjazzjoni jinhtiegu zewg elementi: (a) illi l-intromissjoni tas-sensar tigi, anki jekk semplicement tacitament, accettata miz-zewg kontraenti; u (b) jigi ottjenut l-in idem placitum consensus permezz tax-xoghol tal-medjatur.*

*Wiehed jista' jitkellem biss fuq senserija mal-finalizzazzjoni tat-transazzjoni, u kwindi hu biss f'dak il-mument li l-intermedjarju jkun intitolat ghal xi remunerazzjoni.*

*Wiehed irid jiddistingwi bejn senserija u kumpens dovut lil min jircievi inkarigu specjali biex jikkonkludi affari, u li huwa dovut mill-persuna li taghti dak l-inkariku fl-interess esklussiv taghha. B'hekk filwaqt li persuna ma tkunx intitolata ghal senserija minhabba li l-affari ma gietx*

*konkluza, pero` tista' tkun intitolata ghal remunerazzjoni mill-persuna li ghamlet uzu mis-servizzi rezi.”*

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li verament is-socjeta’ konvenuta diga’ halset ammont ta’ senserija lill-attur ghas-servizz li huwa setgha taghha pero’ mill-provi prodotti l-attur ma rnexxielux jipprova la l-intromissjoni tieghu dwar in-negozju li gie finalizzat mis-socjeta’ konventua ghal Trasforma Clinic, u lanqas l-ammont ta’ xoghol li effettivament kien introduca u li kien qed jippretendi kumpens ghalih. Illi fir-rikors promotur l-attur ma jghidx ghal liema servizz qed jintalab il-commission u kien biss waqt il-provi li jidher li kien qed jillimita id-dritt tieghu ghal senserija fuq il-klijenta Trasforma Clinic u dan ghaliex huwa ressaq bhala xhud lid-Direttur ta’ din l-Clinic, li pero’ minflok ma ghenet lill-attur fit-talba tieghu, aktar kasbritu u dan ghaliex ix-xhieda taghha ma tikkonfortax it-tezi tieghu, anzi aktar issahhah it-tezi tas-socjeta’ konventua li fic-cirkostanzi tidher aktar kredibbli u ghandha akar mis-sewwa.

L-attur donnu strah fuq il-provi imressqa mis-socjeta’ konvenuta u ttanta jaghmel tieghu l-argumentazzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta. Jinghad li l-partijiet resqu hafna provi li ma kellhom l-ebda relevanza ghall-mertu tal-kaz odjern u kienu aktar importanti ghal xi kaz ta’ *justified dismissal* mix-xoghol, pero’ apparti dan kollu, zgur li l-attur ma ipprovax il-kaz tieghu u cioe’ li kien intitolat ghal commission fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur u dan lanqas fuq il-grad ta’ probabilita’.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li qeghda tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, qeghda tichad it-talba attrici bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------